# KONSULTAZZJONI

EGTC
GECT

## Ir-reviżjoni tar-Regolament tar-REKT
## (Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali)

Din il-konsultazzjoni kienet inizjattiva konġunta tal-Kumitat tar-Reġjuni, il-grupp ta' tliet Presidenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Spanja – il-Belġju – l-Ungerija), il-Kummissjoni Ewropea u l-programm INTERACT. Fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) 1082/2006 dwar ir-REKT, l-għan huwa li jinġabru l-fehmiet tal-Istati Membri, tar-REKT stabbiliti u dawk li għadhom fit-triq tat-tħejjija, tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-partijiet l-oħra interessati. Il-konsultazzjoni tiffoka l-iktar fuq l-aspetti leġislattivi li għandhom jittejbu jew jiġu modifikati għar-reviżjoni li jmiss, u tqis ukoll il-valur miżjud u l-potenzjal ta' dan l-istrument legali. Il-konsultazzjoni tnediet fit-3 ta' Mejju 2010 f'Cáceres, fi Spanja, u ġiet ippubblikata fil-portal tar-REKT tal-Kumitat tar-Reġjuni; il-kontributi kellhom jintbagħtu sal-20 ta' Lulju.

Il-kontributi ġew inkorporati fl-opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "Ir-reviżjoni tar-Regolament REKT" li għandha titlesta mill-Kumitat tar-Reġjuni fil-bidu tal-2011[1], u fil-ħidma leġislattiva sussegwenti tal-istituzzjonijiet. Ir-Regolament (KE) 1082/2006 jistabbilixxi li sal-1 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tar-REKT u l-proposti għall-emendi, fejn ikun adatt.

---

1 CDR 100/2010, relatur: is-Sur Alberto Nuñez Feijoo (PPE/ES), President ta' Galicia.

.../...

**Ħajr:**

Il-KtR jixtieq jirringrazzja lit-tims tal-imsieħba involuti f'din il-konsultazzjoni konġunta.

*Il-grupp ta' tliet Presidenti tal-UE Spanja – il-Belġju – l-Ungerija:*

Is-Sur Julián Talens Escartí, f'isem ir-Rappreżentanza Permanenti Spanjola għall-EU
Is-Sur Estanislau Vidal-Folch de Balanzó, f'isem ir-Rappreżentanza Permanenti Spanjola għall-EU

Is-Sinjura Barbara Boutriau, f'isem ir-Rappreżentanza Permanenti Belġjana għall-UE
Is-Sur Thierry Delaval, f'isem ir-Rappreżentanza Permanenti Belġjana għall-UE
Is-Sur Maarten Goris, f'isem ir-Rappreżentanza Permanenti Belġjana għall-UE

Dr Gábor Sonkoly, f'isem il-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja, ir-Repubblika tal-Ungerija
Dr Katalin Fékéte, f'isem il-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja, ir-Repubblika tal-Ungerija
Dr Anna Kerékgyartó, f'isem il-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja, ir-Repubblika tal-Ungerija
Is-Sinjura Gabriella Iglói, f'isem ir-Rappreżentanza Permanenti Ungeriża għall-UE

*Kummissjoni Ewropea:*

Is-Sur José Antonio Ruiz de Casas, DĠ Politika Reġjonali
Is-Sur Dirk Peters, DĠ Politika Reġjonali

*Interact:*

Is-Sinjura Elise Blais, punt ta' kuntatt ta' Interact, Vjenna

U ħajr lill-kontributuri kollha għall-kooperazzjoni prezzjuża tagħhom.

Għal iktar informazzjoni, żur il-portal tar-REKT tal-Kumitat tar-Reġjuni:

www.cor.europa.eu/egtc
egtc@cor.europa.eu

© Kumitat tar-Reġjuni, 2010

**Il-konklużjonijiet fil-qosor:**

- Il-konsultazzjoni ġibdet interess konsiderevoli. Mill-**91 kontribut li waslu**, 15 ġew mir-REKT eżistenti (minn total attwali ta' 16-il REKT) filwaqt li 15 oħra ġew minn REKT li qed jiġu stabbiliti. **Kważi kull parti interessata tar-REKT ħadet sehem.**

- Il-kontributuri jqisu li **r-Regolament irid jinbidel** u jiffoka fuq dak li għandu jsir biex jiġi ffaċilitat it-tħaddim tar-REKT u billi jtejjeb il-mod kif jitwaqqfu.

- Il-kwistjoni legali prinċipali tittratta d-**differenzi fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri individwali.** B'mod partikolari, dan jirrelata mal-istatus legali differenti tar-REKT eżistenti, minħabba d-deċiżjonijiet diverġenti li ttieħdu mill-Istati Membri bħala parti mill-proċess ta' implimentazzjoni nazzjonali, kif jippermetti r-Regolament. Ġew ukoll rappurtati diffikultajiet relatati mad-definizzjoni tal-kontenut tal-konvenzjonijiet u l-istatuti kif ukoll il-proċeduri tal-approvazzjoni tagħhom. B'mod ġenerali, hemm bżonn li l-proċeduri jiġu ssemplifikati.

- **L-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-assistenza teknika** huma meħtieġa fil-livell Ewropew u nazzjonali. Il-kontributuri wieġbu li huma favur struttura Ewropea u jappoġġjaw in-netwerking, il-komunikazzjoni u l-appoġġ min-naħa tal-KtR.

- Il-biċċa l-kbira tal-kontributuri ġibdu l-attenzjoni għall-bżonn li r-REKT jirreklutaw il-**persunal** proprju tagħhom u li jidentifikaw liema leġislazzjoni hija applikabbli. Il-kwistjoni tal-persunal hija waħda mill-problemi prinċipali mil-lat legali.

- Il-biċċa l-kbira tal-kontributuri jaqblu li **entitajiet privati għandhom jitħallew jieħdu sehem** fir-REKT, iżda biss taħt kondizzjonijiet speċifiċi.

- Il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni ta' **pajjiżi terzi** kixfet differenza qawwija bejn il-pożizzjoni tal-Istati Membri, li jemmnu li l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi għandha tkun limitata, u l-partijiet l-oħra interessati, (ir-REKT, l-ALR, l-Assoċjazzjonijiet u l-esperti) li huma favur ir-reviżjoni tar-regolament attwali u l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet inqas stretti.

- Il-maġġoranza tal-kontributuri huma ferm pożittivi dwar ir-rwol tar-REKT bħala **awtorità amministrattiva** u segretarjat tekniku konġunt, billi dan ir-rwol jirrifletti l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Xi awtoritajiet nazzjonali jsibuha bi tqila jiddelegaw il-ġestjoni tal-programmi. Hemm bost vantaġġi fl-użu tar-REKT għall-implimentazzjoni tal-proġetti tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE); madankollu, il-problema ewlenija tikkonċerna l-eliġibbiltà tar-REKT.

- Il-kompiti tar-REKT iħaddnu firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Fil-prattika, ir-REKT jew qed jaqdu r-rwol ta' koordinazzjoni tal-politika u l-istrutturi ta' kooperazzjoni, jew jaġixxu bħala livelli ġodda ta' governanza.

- Il-kontributuri jqisu r-REKT bħala l-istrument legali prinċipali tal-UE għall-**koeżjoni territorjali**. Huwa wkoll laboratorju għall-**governanza f'diversi livelli**, li joħloq mezz ta' komunikazzjoni f'żewġ livelli u li jaħdem permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq. Ir-REKT jista' jaġixxi wkoll bħala faċilitatur biex isolvi bosta kwistjonijiet relatati mal-fruntieri.

.../...

1. **Parteċipazzjoni**

Il-Kumitat tar-Reġjuni rċieva 91 kontribut. Dan juri li r-REKT huwa suġġett ta' interess kbir u l-livell ta' rappreżentattività tad-data li nġabret huwa wieħed għoli ħafna. Kważi kull parti interessata effettiva tar-REKT ħadet sehem.

Il-kontributi huma maqsuma kif ġej:

- 15-il REKT imwaqqfa, mis-16-il wieħed eżistenti.
- 15-il REKT li għadhom qed jiġu stabbiliti.
- 13-il struttura transkonfinali ta' tipi oħra (l-iktar l-ewroreġjuni).
- 26 awtorità lokali u reġjonali.
- 8 gvernijiet nazzjonali (7 Stati Membri u l-Isvizzera).
- 7 assoċjazzjonijiet, inklużi l-Assoċjazzjoni tar-Reġjuni tal-Fruntiera Ewropej (AEBR), l-Assemblea tar-Reġjuni Ewropej, il-*Mission Operationnelle Transfrontalière* u s-Servizz tal-Ewropa Ċentrali għall-inizjattivi Transkonfinali.
- 7 kontributi minn esperti u partijiet interessati, inkluż l-INTERACT.




**Tabella 1:** Tqassim tal-kontributuri għall-konsultazzjoni




**Tabella 2**: Minn fost il-kontributuri, il-persentaġġ tal-istrutturi transkonfinali, interreġjonali u transnazzjonali li jieħdu sehem f'REKT

B'mod dirett jew indirett, il-firxa ġeografika tal-kontributi tħaddan 23 Stat Membru. Il-Bulgarija, l-Irlanda, il-Latvja u Malta ma jissemmewx b'mod espliċitu, għalkemm il-parteċipazzjoni tal-entitajiet minn dawn il-pajjiżi – bis-saħħa tal-assoċjazzjonijiet – mhijiex eskluża. Il-parteċipazzjoni hija ikbar f'dawk l-Istati fejn hemm REKT.

Ir-REKT stabbiliti jew li qed jiġu stabbiliti li taw tweġiba jħaddnu 20 Stat Membru. Il-Bulgarija[2], l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u Malta ma rrappurtaw l-ebda parteċipazzjoni f'REKT. Il-pajjiżi li kellhom l-iktar kontributuri li huma involuti f'REKT jew f'REKT li qed jiġu stabbiliti huma Franza (14), l-Italja (11) u Spanja (8).




**Tabella 3:** In-nazzjonalità tal-imsieħba tar-REKT

Fir-rigward l-pajjiżi terzi, wieħed mir-REKT li qed jiġu stabbiliti għandu msieħba Kroati u ieħor għandu msieħba mill-Ukraina; wieħed mill-ewroreġjuni għandu msieħba Norveġiżi u wieħed mill-

2 Skont l-informazzjoni li għandu l-KtR, hemm żewġ proġetti tar-REKT b'parteċipazzjoni mill-Bulgarija. Dawn il-proġetti ma kkontribwixxewx għal din il-konsultazzjoni.

ewrodistretti għandu msieħba Svizzeri; il-gvern tal-Isvizzera ta kontribut dirett; wieħed mill-cantons Svizzeri u reġjun Kroat taw kontribut; wieħed mill-esperti huwa Svizzeru.

B'kollox, il-parteċipazzjoni effettiva tisboq il-figuri msemmija hawn fuq, meta wieħed iqis li xi strutturi ġabru l-kontribut tagħhom fuq il-bażi tal-kontributuri mill-imsieħba u l-partijiet interessati proprji (fil-każ ta' INTERACT kien hemm mat-30 organizzazzjoni li ħadu sehem).

## 2. L-istruttura tal-konsultazzjoni

Il-konsultazzjoni fiha mistoqsijiet kwantitattivi u kwalitattivi dwar l-aspetti li ġejjin:

- L-aspetti legali relatati mar-REKT, inkluż ir-Regolament (KE) 1082/2006 u l-implimentazzjoni tiegħu mill-Istati Membri u suġġerimenti legali u politiċi biex jittejjeb ir-REKT.
- Ir-REKT u l-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea.
- L-esperjenza tar-REKT, il-kompiti mwettqa, l-ostakli li ġew iffaċċjati u l-iżvilupp futur.
- Ir-rwol tar-REKT fl-integrazzjoni Ewropea.

Kien hemm xi parteċipanti li ressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub. Il-kontenut ġie inkorporat fl-aspetti kwalitattivi tal-konsultazzjoni, iżda mhux fl-istatistika kwantitattiva.

## 3. Aspetti legali

### ➢ Stima globali

Ma kien hemm l-ebda kontribut li jgħid li ma għandha ssir l-'ebda bidla'. 64 % tal-kontributuri kienu tal-fehma li r-Regolament (KE) 1082/2006 jeħtieġ 'bidliet zgħar', il-bqija jaħsbu li dawn il-bidliet għandhom ikunu 'kbar' (35 %) jew 'totali' (1 %), l-iktar għax kienu mħassba dwar wieħed jew tnejn mill-punti prinċipali. L-opinjoni li twasslet f'diversi laqgħat, opinjonijiet u kwestjonarji kienet li hemm bżonn il-bidliet biex jiġi ffaċilitat it-tħaddim tar-REKT u biex dawn jittejbu, iżda li dawn il-bidliet m'għandhomx jaffettwaw l-elementi essenzjali u li l-ħidma li saret s'issa mid-diversi tipi tar-REKT u mill-Istati Membri ma tistax tieqaf issa minħabba l-bidliet profondi fil-leġislazzjoni.




**Tabella 4:** Il-pożizzjoni tal-kontributuri dwar liema bidliet huma meħtieġa fil-qafas leġislattiv tar-REKT

- **L-aspetti legali prinċipali identifikati**

L-aspetti legali prinċipali identifikati bħala problematiċi huma relatati mad-differenzi bejn il-leġislazzjonijiet tal-Istati Membri, segwiti mill-kwistjonijiet relatati mal-liġi applikabbli (l-iktar ir-regolament tal-pajjiż fejn jitwaqqaf ir-REKT, li jirregola l-persunal, l-akkwist pubbliku u l-VAT), il-proċedura għat-twaqqif, il-konvenzjoni u l-istatuti u l-parteċipazzjoni ta' entitajiet minn pajjiżi terzi (ara l-appendiċi, stampa 1).




**Tabella 5.** L-aspetti legali prinċipali identifikati bħala problematiċi fir-Regolament (KE) 1082/2006.

Ir-regoli tal-liġi applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament jagħtu preferenza lil-liġi tal-pajjiż fejn ir-REKT huwa stabbilit. Dan joħloq problema meta l-leġislazzjoni tiġi applikata għall-persunal minn pajjiżi oħra, għall-akkwist pubbliku li jitwettaq f'pajjiżi oħra u sa ċertu punt għall-obbligi fiskali tar-REKT.

Il-fatt li r-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet differenti fil-proċess tal-implimentazzjoni nazzjonali wassal għal differenzi fl-istatus legali (liġi pubblika jew privata, ir-responsabbiltà limitata jew mhux limitata) u b'hekk, f'żewġ Stati ġirien, is-sistema tista' tkun

differenti b'mod radikali: ir-REKT Sloveni huma entitajiet tal-liġi privata, dawk Taljani jaqgħu taħt il-liġi pubblika; ir-Repubblika Ċeka ma tippermettix REKT b'responsabbiltà limitata, filwaqt li l-Polonja ma taċċettax ir-responsabbiltà mhux limitata; Franza tqis ir-REKT bħala 'syndicats mixtes' skont il-liġi Franċiża u għalhekk, fil-prattika kull REKT li jitwaqqaf b'imsieħba Franċiżi jrid ikun stabbilit fi Franza. Ir-REKT Taljani ma jibqgħux jeżistu b'mod indefinit.

Il-maġġoranza tar-REKT, l-istrutturi transkonfinali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet jinsistu fuq il-ħtieġa li r-regolamenti nazzjonali jiġu armonizzati, jew permezz ta' talba ta' koordinazzjoni *ex ante* (minn qabel) bejn Stati ġirien jew billi jiġu ristretti l-għażliet li jitħallew f'idejn l-Istati mir-Regolament.

Ħafna mill-kontributuri sabuha diffiċli biex jiddefinixxu x'għandu jiġi inkorporat fil-konvenzjoni u l-istatuti u sabu ripetizzjoni bla bżonn. Xi wħud innotaw li l-proċedura għandha tiġi ssemplifikata rigward bidliet fl-istatuti, is-sħubija ta' membri ġodda fir-REKT u l-ħolqien ta' REKT ibbażat fuq struttura ta' kooperazzjoni preċedenti. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet relatati max-xoljiment u tmiem l-attività tar-REKT.

Ir-REKT għandu jkun awtorizzat mill-Istati involuti u hemm proċedura għal dan. Il-kontributuri nnotaw li l-mandat ta' tliet xhur ftit li xejn jiġi rispettat, u li m'hemm l-ebda definizzjoni ċara ta' x'inhu l-'interess nazzjonali' tal-Istat Membru u b'hekk dan jista' jwassal għal projbizzjonijiet arbitrarji kontra t-twaqqif ta' REKT.

Rigward l-implimentazzjoni tar-REKT mill-Istati Membri, it-tweġibiet tal-kontributuri reġgħu ffokaw fuq in-nuqqas ta' armonizzazzjoni bejn il-leġislazzjonijiet nazzjonali; il-proċeduri interni għall-approvazzjoni mill-amministrazzjonijiet nazzjonali jistgħu jieħdu ż-żmien u jkunu ineffiċjenti, kultant ikunu jinvolvu bosta ministeri u konsultazzjonijiet interstatali, u b'hekk il-mandat ta' tliet xhur rari jiġi rispettat.




**Tabella 6.** It-tqassim tal-aspetti legali identifikati fir-Regolament, skont it-tip ta' kontributur

Is-soluzzjonijiet proposti relatati mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni jikkonsistu l-iktar fl-emendar tar-Regolament biex tiġi żgurata komunikazzjoni interstatali sabiex il-korpi ta' awtorizzazzjoni fl-Istati Membri jkunu jistgħu jaqblu fuq bażi komuni għall-approvazzjoni, inkluż leħen l-imsieħba tar-REKT. Proposti oħra għal tibdil jinkludu n-natura vinkolanti tal-mandat ta' tliet xhur, inkluż l-awtorizzazzjoni taċita, u l-possibbiltà li tiġi kkontestata fil-livell tal-UE. Fl-aħħar nett, il-kunċett tal-'interess nazzjonali' jista' jiġi definit bil-każistika eżistenti. Saru suġġerimenti dwar l-inklużjoni tal-possibbiltà li d-deċiżjoni li ma tingħatax awtorizzazzjoni tiġi kkontestata quddiem il-Kummissjoni Ewropea jew il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.

Xi kontributuri ssuġġerew li l-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiddefinixxu kif għandhom jiġu notifikati dwar it-twaqqif ta' REKT ġodda. Rigward il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, saru talbiet għal informazzjoni ċara u kien hemm xi nuqqas ta' qbil mal-fatt li dan bħalissa jidher fit-taqsima S u sar suġġeriment li d-dokumenti s-sħaħ għandhom jiġu ppubblikati sabiex jiġu tradotti u jservu bħala mudell għal strutturi oħra.

Mil-lat prattiku, il-kontributuri lmentaw dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tar-Regolament, u enfasizzaw in-nuqqas ta' għarfien u sensibilizzazzjoni dwar ir-REKT fl-amministrazzjonijiet pubbliċi (fl-awtoritajiet nazzjonali u saħansitra fil-Kummissjoni Ewropea stess), problemi ta' eliġibbiltà għall-proġetti (ara l-punt 4) u, f'xi każijiet, ir-rieda politika li jafdaw fir-REKT bħala strument għas-sussidjarjetà.

Id-differenzi fl-ordni kostituzzjonali tal-Istati Membri joħolqu problemi relatati mal-kompetenzi differenti li jista' jkollhom id-diversi livelli tal-gvern. Il-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli u l-flessibbiltà tar-REKT jistgħu jsolvu din il-problema, iżda xi kontributuri talbu għal proċeduri eħfef għall-adattar meta jkun hemm bidliet fil-kompetenzi tal-amministrazzjoni ta' Stat Membru u r-REKT ikun diġà stabbilit.

➢ **Strutturi ta' komunikazzjoni, konsulenza u appoġġ għar-REKT**

Minbarra l-Istati Membri, il-maġġoranza tal-kontributuri (70 %) stqarrew li hemm bżonn struttura għall-komunikazzjoni u l-assistenza teknika fil-livell Ewropew. Il-kontributuri enfasizzaw ukoll ir-rwol tal-grupp tal-esperti tal-Kumitat tar-Reġjuni, u l-importanza li n-netwerk tar-REKT jingħata spinta.




**Tabella 7.** Aspetti legali. Il-bżonn ta' miżuri ta' komunikazzjoni, informazzjoni u/jew assistenza teknika

L-istruttura tal-komunikazzjoni u l-assistenza teknika tista' sservi bħala pjattaforma jew korp biex tippromovi għarfien aħjar dwar l-istrumenti legali u biex tappoġġja n-networking. Xi partijiet interessati ssuġġerew ukoll li tittieħed azzjoni fil-livell nazzjonali permezz tal-korpi amministrattivi tal-programmi tal-kooperazzjoni territorjali. Wieħed mill-vantaġġi ta' dan il-korp konsultattiv ikun li jlaqqa' flimkien il-kriterji tad-diversi proċeduri. Ħafna mill-aspetti enfasizzati għal dan il-korp konsultattiv diġà qed jiġu koperti mill-KtR u minn INTERACT u l-assoċjazzjonijiet fid-diversi sferi tagħhom.

Il-KtR intalab biex jiżviluppa iktar ir-reġistru tar-REKT, biex ikompli bil-monitoraġġ tal-proċeduri u biex jipprovdi dokumenti bħalma huma abbozzi ta' konvenzjonijiet u statuti.

L-informazzjoni tidher li hija aspett importanti wkoll, parzjalment minħabba l-kumplessità fil-proċess tat-twaqqif ta' REKT. Ġie propost li ssir laqgħa bejn l-awtoritajiet nazzjonali inkarigati li jawtorizzaw

ir-REKT. Kien hemm esperti li ssuġġerew li ssir laqgħa Brussell għall-maniġers tar-REKT biex jaqsmu l-prattiki u l-informazzjoni ma' xulxin.

Wieħed mis-suġġerimenti minn kontributur partikolari kien li jintuża l-internet biex jiġi stabbilit netwerk onlajn biex jiġi appoġġjat u mtejjeb l-iskambju tal-prattiki (pereżempju s-sit URBACT). Dan jista' jinkludi l-użu ta' newsletters u helpdesk. Jista' jkun utli wkoll li jiġu organizzati seminars u taħriġ għall-persunal.

4 minn kull 5 Stati Membri wieġbu li ma qablux li hemm bżonn iżjed strutturi jew li jkun hemm referenza fir-Regolament. Kien hemm xi osservazzjonijiet kritiċi (30 %) dwar il-fatt li m'hemmx bżonn iktar miżuri għall-informazzjoni u assistenza teknika, l-iktar għax diġà jeżistu ħafna istituzzjonijiet li jipprovdu l-komunikazzjoni, l-informazzjoni u/jew l-assistenza teknika għall-kooperazzjoni transkonfinali (bħall-MOT, is-Segretarjat Ġenerali tal-Benelux, l-EIPA, eċċ) u għax l-enfasi għandha tibqa' fuq l-objettivi tal-kooperazzjoni u l-kompiti.

- **Persunal**

Il-kwistjonijiet relatati mal-persunal huma parti mit-tħassib ewlieni li tqajjem mill-kontributuri. Dan huwa t-tieni aspett legali identifikat bħala dubju jew diffikultà fir-Regolament, u t-tielet aspett legali identifikat bħala dubju jew diffikultà dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri. Madankollu, l-opinjonijiet huma maqsuma u 53 % tal-kontributuri jqisu li r-Regolament għandu jinkludi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-persunal. 3 Stati Membri ma qablux ma' din l-idea, filwaqt li l-erba' l-oħra ma weġbux. L-assoċjazzjonijiet huma favur.




**Tabella 8.** Aspetti legali. Dispożizzjonijiet dwar il-persunal tar-REKT.

Il-kwistjonijiet li tqajmu u t-talba biex jiġi emendat ir-Regolament Ewropew huma relatati l-iktar mal-ħtieġa li kull REKT ikollu l-persunal proprju tiegħu (u b'hekk jiġi evitat li jkun hemm persunal issekondat mill-awtoritajiet pubbliċi) u liema leġislazzjoni għandha tapplika.

Qed isir dibattitu mqanqal f'dan ir-rigward u rigward il-kondizzjonijiet għar-reklutaġġ. B'mod partikolari, il-kontributuri enfasizzaw il-periklu li jkun hemm differenzi fl-għoti tal-pensjonijiet, fis-salarji, fil-ħarsien soċjali u fis-sistema fiskali għall-persunal minn pajjiżi differenti meta mqabbla mal-liġijiet nazzjonali tagħhom. Hemm ukoll problema relatata mal-possibbiltà li persunal jiġi ssekondat mill-imsieħba lejn ir-REKT, u d-drittijiet ta' dan il-persunal. Sabiex jiġi evitat li jkunu mhedda l-kondizzjonijiet tar-reklutaġġ, xi kontributuri ssuġġerew li fir-Regolament tiddaħħal l-għażla li tiġi

applikata l-liġi tal-post li fih il-persunal iwettqu dmirijiethom (liġijiet nazzjonali) minflok il-liġi tal-post tas-sede tar-REKT, jew il-liġi tal-pajjiż ta' oriġini tal-persunal, f'każijiet fejn il-persunal jiċċaqlaq minn pajjiż involut fir-REKT li jkun barra l-pajjiż tas-sede. B'hekk jiġi evitat ukoll il-vantaġġ mogħti mir-regola attwali lil xi pajjiżi. Kontributur ieħor issuġġerixxa li l-persunal għandu jagħżel liema liġi nazzjonali jixtieq japplika għall-obbligazzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Xi kontributuri huma kontra li jiddaħħlu regoli speċifiċi wisq fir-Regolament. Huma ssuġġerew li l-kompitu tal-kitba tal-kondizzjonijiet u r-regoli tal-persunal jitħalla għall-istatuti tar-REKT.

Il-kontributuri saħqu wkoll fuq il-bżonn għal kwalifiki professjonali u ħiliet lingwistiċi tal-persunal adegwati; ir-Regolament għandu jinkludi regoli li jqisu d-differenzi fis-sistemi tat-taħriġ nazzjonali.

Skont wieħed mill-esperti, il-kwistjoni tal-persunal tar-REKT għandha tiġi inkorporata fil-linji gwida għall-ġestjoni finanzjarja tal-proġetti tal-kooperazzjoni territorjali.

Numru żgħir ta' kontributuri ssuġġerew li jiddaħħal statut speċifiku għall-persunal, simili għar-regolamenti tal-persunal Ewropew, jew statut internazzjonali bħal dak tal-Konsorzju Ewropew tal-Infrastruttura tar-Riċerka[3].

- **Parteċipazzjoni ta' entitajiet privati**

L-opinjoni hija maqsuma: il-maġġoranza tal-kontributuri (59 % tal-kontributuri, iżda Stat Membru wieħed biss) huma favur, iżda minoranza qawwija (41 %, inklużi 4 Stati Membri) tqis li REKT għandu jkun ristrett għall-awtoritajiet pubbliċi u għalhekk l-entitajiet pubbliċi m'għandhomx jieħdu sehem f'REKT.




**Tabella 9.** Aspetti legali. Parteċipazzjoni ta' entitajiet privati fir-REKT.

Dawk li kienu favur issuġġerew li l-entitajiet privati għandhom ikunu assoċjati iżda biss taħt kondizzjonijiet speċifiċi:

3 Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka - ERIC, li ġie stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009. Sit tal-internet: http://ec.europa.eu/research/infrastructures/index_en.cfm?pg=erichttp://ec.europa.eu/research/infrastructures/index_en.cfm?pg=eric

- jekk ikunu stabbiliti skont il-liġi pubblika;
- jekk ikunu mingħajr skop ta' qligħ;
- jekk ikunu sħubija pubblika-privata jew wieħed mill-objettivi tagħhom ikun l-interess ġenerali fil-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi, ir-riċerka, l-ambjent, l-impjieg, l-ICT, it-trasport, is-saħħa, is-servizzi soċjali jew l-edukazzjoni;
- ir-REKT b'kompiti f'oqsma fejn l-entità privata tkun attiva u/jew għal kumpaniji privati li joperaw fit-territorju kopert mir-REKT;
- meta jkollhom influwenza kbira f'termini tal-iżvilupp tal-kooperazzjoni transkonfinali;
- ir-REKT li jkunu assoċjat miegħu ma jkunx eliġibbli li jmexxi programm ta' kooperazzjoni territorjali;
- f'REKT biss li l-għan tal-attività jista' jinkiseb aħjar b'din il-parteċipazzjoni, fejn ir-regoli finanzjarji jkunu definiti;
- ir-REKT għandu jkollhom sistema legali differenti, b'kondizzjonijiet speċjali għall-atturi privati.

Xi kontributuri saħqu li f'xi każijiet, is-sħubija ma' organizzazzjonijiet tal-liġi privata tkun neċessarja. L-entitajiet privati li jaqdu dmirijiet ta' servizz pubbliku soġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku jew dawk li l-objettiv tagħhom huwa l-interess pubbliku, is-sigurtà soċjali, il-kura tas-saħħa u s-servizzi tas-saħħa jistgħu jipprovdu kompetenza siewja u jikkontribwixxu għal sitwazzjoni finanzjarja sostenibbli. Barra minn hekk, mingħajr dawn l-imsieħba jkun ferm diffiċli li tiġi żviluppata kooperazzjoni transkonfinali fil-qasam tas-saħħa. L-atturi reġjonali prinċipali (is-settur pubbliku, privat u tal-volontarjat) għandhom ikunu assoċjati wkoll bil-għan li jitħeġġeġ u jiġi sfruttat kemm jista' jkun l-iżvilupp sostenibbli.

L-argumenti kontra huma li l-atturi u l-entitajiet privati m'għandhomx jieħdu sehem fir-REKT, għax l-istrumenti tal-UE (pereżempju l-Grupp Ewoprew ta' Interess Ekonomiku (GEIE)) diġà jinsabu disponibbli għall-kooperazzjoni bejn l-entitajiet pubbliċi u privati. B'hekk, l-entitajiet privati ma jkunux jeħtieġu Regolament tal-UE; barra minn hekk, ir-Regolament tar-REKT jgħid b'mod ċar li ma jissostitwixxix l-istrumenti eżistenti tal-UE.

Wieħed mill-esperti ssuġġerixxa li "ċ-ċentri tal-kompetittività, l-aġenziji tal-iżvilupp ekonomiku u xi assoċjazzjonijiet rappreżentattivi stabbiliti fit-territorju konċernat għandhom ikunu membri *de iure* tar-REKT iżda mingħajr dritt tal-vot".

Osservazzjoni ta' kritika minn ALR tgħid li l-entitajiet għandhom ikunu jistgħu jieħdu sehem f'REKT irrispettivament mill-istatus tagħhom; minflok, l-enfasi għandha tkun fuq il-post tal-operazzjoni, id-daqs (SMEs) jew il-baġit.

➢ **Parteċipazzjoni ta' entitajiet minn Pajjiżi Terzi**

Il-pożizzjoni dwar il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi hija waħda diverġenti. Filwaqt li 70 % tal-kontributuri huma l-iktar favur reviżjoni tar-regola attwali favur dispożizzjonijiet inqas stretti, skont l-Istati Membri l-parteċipazzjoni ta' entitatjiet minn pajjiżi terzi għandha tkun eskluża.

Min-naħa l-oħra, il-kontributi mill-Isvizzera u l-Kroazja juru li dawn il-pajjiżi huma interessati jieħdu sehem fir-REKT. L-assoċjazzjonijiet huma favur.




**Tabella 10.** Aspetti legali. Parteċipazzjoni ta' entitajiet minn Stati Membri barra l-UE f'REKT

Dawk li huma favur ir-reviżjoni tar-Regolament issuġġerew li jiġu introdotti regoli differenti. L-ewwel miżura hija li jiġu permessi REKT 'bilaterali' bejn entitajiet minn Stat Membru u Stat barra l-UE, speċjalment jekk hemm kontinwità territorjali. Suġġerimenti oħra jinkludu l-introduzzjoni ta' klawsola li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kollha li jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-UE; li tiġi permessa l-parteċipazzjoni mill-benefiċjarji tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni; li jiġu definiti r-regoli dwar il-kontinwità territorjali, inkluż il-Baħar Mediterran u l-Politika tal-Viċinat, u lir-REKT għandu jiddaħħal fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni u assoċjazzjoni li jsiru mill-UE fil-qafas tal-Politika tal-Viċinat. Fl-aħħar nett, l-istrumenti tal-ENPI (Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija) u l-IPA (Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni) għandhom jiġu kkoordinati mal-FEŻR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Ewropew) u mar-regolamenti l-oħra dwar il-fondi strutturali.

Wieħed mill-Istati Membri jwissi li l-liġi Komunitarja ma tapplikax għal pajjiżi terzi u jqis li dan huwa ostaklu kbir. Kwistjoni oħra tqajmet minn awtorità lokali u reġjonali (ALR) b'talba għal limitazzjoni fuq pajjiżi terzi b'defiċit demokratiku.

Wieħed mis-suġġerimenti kien li jkun hemm lista ta' pajjiżi terzi li jistgħu jieħdu sehem f'REKT (pereżempju għall-pajjiżi li jkunu firmatarji tal-Konvenzjoni Qafas ta' Madrid għandha tiġi prevista s-semplifikazzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni); jew it-tnaqqis fil-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati jew kandidati potenzjali tal-UE, jew possibbilment pajjiżi bi ftehimiet ta' assoċjazzjoni. Ir-REKT Mediterranji huma partikolarment determinati li jkunu atturi attivi fil-politika Ewro-Mediterranja. Ir-REKT li ma jħaddnux fruntieri esterni huma interessati wkoll li jiġu involuti fil-Politika tal-Viċinat.

L-ALR saħqu fuq il-bżonn li fir-Regolament jiġi speċifikat li l-Istati Membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa għandhom ikunu jistgħu jieħdu sehem minħabba l-esperjenza kbira tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni transkonfinali.




**Tabella 11.** Aspetti legali. Definizzjoni ta' liema Stati Membri barra l-UE jistgħu jieħdu sehem f'REKT.




**Tabella 12.** Aspetti legali. Il-parteċipazzjoni ta' Stati Membri barra l-UE. Jekk ir-Regolament 1082/2006/KE ddefinixxa liema Stati Membri barra l-UE jistgħu jieħdu sehem f'REKT, jekk jogħġbok indika liema wieħed. Tista' tingħata iktar minn risposta waħda.

4. **Ir-REKT u l-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE).**

L-Artikolu 7 tar-Regolament jistabbilixxi li r-REKT jista' jkun l-awtorità responabbli għall-ġestjoni tal-programmi tal-KTE, jista' jimplimenta l-proġetti tal-KTE jew il-proġetti ffinanzjati minn programmi oħra tal-UE jew sempliċement jimplimenta attivitajiet oħra tal-kooperazzjoni territorjali.

Rigward l-implimentazzjoni tal-programmi, il-biċċa l-kbira tal-kontributuri kienu ferm pożittivi dwar ir-REKT bħala l-awtorità responsabbli għall-ġestjoni u s-segretarjat tekniku konġunt, bħala espressjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jtejjeb ir-rwol tal-programmi ta' implimentazzjoni tar-REKT, u r-REKT jippermetti approċċ strateġiku fl-implimentazzjoni tad-diversi azzjonijiet. L-iżvantaġġi prinċipali huma l-fatt li REKT kbir ħafna jista' jkun iktar riġidu fit-teħid tad-deċiżjonijiet, hemm id-dubji dwar ir-relazzjonijiet bejn is-segretarjat tekniku konġunt u r-REKT bħala l-awtorità responsabbli għall-ġestjoni, u għandu jkun hemm mekkaniżmi biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess meta r-REKT ikun awtorità u msieħeb fil-proġett fl-istess ħin.

Xi wħud mir-REKT, b'mod partikolari l-Istati Membri l-kbar, osservaw li xi awtoritajiet nazzjonali jsibuha bi tqila li jiddelegaw il-ġestjoni tal-programm. Fil-fruntiera bejn Spanja u l-Portugall, inħolqu bosta REKT b'għanijiet simili u għandu jkun hemm miżuri biex tal-inqas iħeġġuhom jilħqu ftehim biex ikunu inkarigati mill-ġestjoni tal-programm.

Rigward l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-KTE, xi kontributuri wissew li r-REKT huwa kosteffiċjenti f'termini ta' burokrazija u riżorsi meta jinħoloq għall-ġestjoni ta' għadd ta' proġetti jew proġetti kbar. Jissemmew ħafna vantaġġi, bħall-approċċ strateġiku li jintegra l-azzjonijiet taħt politika komuni; l-iskambju tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-aħjar prattiki; il-permanenza u l-kontinwità tal-istruttura; deċiżjonijiet li jorbtu legalment u impenn fit-tul min-naħa tal-imsieħba; il-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet u s-sens ta' sjieda; it-trasparenza u l-viżibbiltà tal-istruttura; l-effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi; l-akkwist iktar sempliċi, il-baġit u r-reklutaġġ tal-persunal u l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

It-tweġibiet dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti oħra ffinanzjati mill-UE kienu simili.

Il-problema prinċipali hija marbuta mal-eliġibbiltà tar-REKT: l-ewwel nett, ir-REKT jiltaqgħu ma' problemi meta jressqu proposti lid-diversi programmi tal-KTE għax xi wħud mill-imsieħba tagħhom ma jkunux eliġibbli (il-każ tal-Gżejjer Baleariċi li mhumiex eliġibbli għall-kooperazzjoni transkonfinali minħabba l-limitu ta' 150 km mill-kosta stabbilit għat-territorji insulari[4]). It-tieni nett, ħafna mill-kontributuri jenfasizzaw li r-REKT għandu jkun eliġibbli u rikonoxxut bħala sħubija sħiħa fil-programmi kollha tal-UE, jekk l-imsieħba tar-REKT jissodisfaw il-ħtiġiet tas-sejħa. Kull dipartiment tal-Kummissjoni għandu jkun jaf bl-eżistenza tar-REKT u jinkludiha b'mod espliċitu fis-sejħa għall-proposti tiegħu.

---

4 It-Titlu l-ġdid XVIII tat-Trattat ta' Lisona jistabbilixxi l-idea tar-reġjuni tal-fruntiera. Xi pożizzjonijiet jistqarru li dan huwa għan u mhux kunċett ġeografiku, l-istess bħall-eżempju tal-ewroreġjuni, u għalhekk il-limitu tad-distanza għandu jkun flessibbli fil-każ tal-gżejjer.

Il-KTE ma ssolvix il-problemi relatati mad-disparità leġislattiva bejn l-Istati Membri. Xi kontributuri semmew il-problemi bil-ftehimiet tripartitiċi, u li l-limitu massimu ta' 150 km għall-gżejjer biex jieħdu sehem f'kooperazzjoni transkonfinali jeskludi t-territorji li suppost jieħdu sehem f'kooperazzjoni transkonfinali. Il-proċedura għat-twaqqif ta' REKT għandha tiġi ssemplifikata; inkella ħafna REKT ma jkunux jistgħu jimplimentaw proġetti fuq perijodu ta' żmien qasir.

Ir-REKT twaqqaf tard wisq biex ikun fdat bil-ġestjoni programmi tul l-perijodu ta' programmazzjoni attwali. Għall-perijodu 2014-2020, ser jitwaqqfu iktar REKT u ser ikun jeħtieġ li jiġu integrati fis-sistema. Ser ikun hemm bżonn koordinazzjoni aħjar bejn id-diversi regolamenti (FEŻR, IPA, ENPI) sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni ta' diversi proġetti transkonfinali taħt ir-responsabbiltà tar-REKT.

Rigward il-preferenza għar-REKT fil-kooperazzjoni territorjali u programmi oħra, l-opinjonijiet huma maqsuma. Il-fatt li m'hemm l-ebda preferenza jista' jiskoraġġixxi l-imsieħba tar-REKT, iżda kontributuri oħra fakkru li r-REKT jinħolqu biss fuq bażi volontarja. Xi wħud talbu bonus fil-kofinanzjament, li għandu jkun inkluż fil-baġit tal-UE; oħrajn huma kontra din l-idea. Hemm xi proposti dwar appoġġ sekondarju għar-REKT, bħall-għajnuna għall-proċess tat-twaqqif, finanzjament speċjali għall-proġetti pilota jew taħriġ speċifiku għall-persunal.

Fost il-parteċipanti, kien hemm xi awtoritajiet reġjonali li ma raw l-ebda vantaġġ partikolari fil-fatt li r-REKT jimplimenta l-programmi jew il-proġetti tal-KTE.

## 5. L-esperjenza tar-REKT, il-kompiti mwettqa, l-ostakli ffaċċjati u l-iżviluppi futur.

Kull REKT stabbilit jew li għadu qed jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-kooperazzjoni transkonfinali għandu esperjenza fil-kooperazzjoni bejn l-imsieħba. Il-motivazzjoni li dawn jiġu stabbiliti tinbet l-iktar mir-rieda li tinħoloq struttura viżibbli u permanenti tal-kooperazzjoni transkonfinali, li jitfasslu strateġiji konġunti għat-tkabbir, li jinħolqu ekonomiji tal-iskala, u li jiġu ġestiti proġetti konġunti, infrastutturi u riżorsi ambjentali.

Ir-REKT kollha li ġew rappurtati huma bbażati fuq il-kooperazzjoni transkonfinali. Huma biss ir-REKT 'Archimed' (ir-raggruppament tal-gżejjer), 'Amphictiony' (32 muniċipalità mal-kosta Mediterranja) u r-REKT li għadu qed jiġi stabbilit 'European Urban Knowledge Network' (raggruppament tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ippjanar tal-art) li m'għandhom l-ebda kontinwità territorjali fost il-membri tagħhom.

L-Artikolu 7 tar-Regolament jipprevedi erba' oqsma ta' attività tar-REKT. Il-biċċa l-kbira tar-REKT diġà stabbiliti u li għadhom qed jiġu stabbiliti ma jeskludu l-ebda wieħed minn dawn l-oqsma (52 % jindikaw il-programmi tal-KTE, 79 % tal-proġetti tal-KTE, 69 % qed jippjanaw li jimplimentaw il-proġetti ffinanzjati minn programmi oħra tal-UE u 83 % indikaw kooperazzjoni mingħajr fondi tal-UE). Kien hemm biss REKT wieħed, il-Grande Region, li nħoloq speċifikament biex jimplimenta l-programm tal-KTE. Il-proġett EUKN, magħmul biss minn awtoritajiet nazzjonali, mhuwiex beħsiebu jressaq proposta lill-ebda programm iffinanzjat mill-UE.




**Tabella 13.** L-esperjenza fir-REKT. In-natura tal-kompiti skont l-Artikolu 7 tar-Regolament.

L-oqsma ta' azzjoni[5] tar-REKT ikopru ambitu wiesa': 100 % ddefinixxew azzjonijiet ta' 'żvilupp ekonomiku', 100 % indikaw 'il-ġestjoni tar-riżorsi u l-infrastrutturi', 68 % jipprovdu 'servizzi pubbliċi' u 68 % jimplimentaw azzjonijiet ta' 'governanza, kultura u soċjetà'. Id-differenzi joħorġu fid-dieher fl-oqsma ta' azzjoni konkreta: il-ġestjoni konġunta ta' sptar jew il-ġestjoni ta' sit naturali transkonfinali. Il-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet u inizjattivi hija enormi, u l-valur miżjud tar-REKT huwa evidenti meta jibdew ħidmithom. Ir-REKT dejjem għandhom tendenza jinkludu klawsola li testendi l-attività għas-sehem iktar ġenerali tal-popolazzjoni. Fil-prattika, ir-REKT jew qed isiru strutturi għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-politika jew livelli ġodda ta' governanza.

5 Xi partijiet interessati enfasizzaw li r-REKT għandhom 'kompiti' mhux 'kompetenzi'. It-terminu 'kompetenza' għandu jiġi evitat.




**Tabella 14:** Esperjenza fir-REKT. Oqsma ta' azzjoni tar-REKT

Il-biċċa l-kbira tar-REKT b'għanijiet ġenerali li jlaqqgħu flimkien territorji tal-fruntiera rrappurtaw li qed jimplimentaw strateġiji ta' tkabbir u żvilupp sostenibbli, u l-mira hija li dan jitwettaq sal-2020, b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020. Għalhekk, ir-REKT jistgħu jsiru strumenti importanti għall-iżvilupp armonjuż taż-żoni tal-fruntiera.

53 % tar-REKT u r-REKT li qed jiġu stabbiliti stqarrew li ltaqgħu ma' problemi huma u jwettqu dawn il-kompiti. Dan ifisser li l-biċċa l-kbira tal-problemi jidhru fil-fażi tal-kostituzzjoni u l-bidu tal-ħidma.




**Tabella 15.** Esperjenza fir-REKT. Ostakli prattiċi li ltaqgħu magħhom.

Il-problemi prinċipali identifikati, f'ordni ta' frekwenza, huma dawn li ġejjin:

– il-proċedura ta' valutazzjoni mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru, pereżempju, skadenza ta' tliet xhur (ara punt 3);

- ir-reklutaġġ tal-persunal, mhux biss minħabba raġunijiet legali (ara punt 3) iżda wkoll minħabba d-differenzi fis-salarji bejn id-diversi pajjiżi;
- il-problemi ta' eliġibbiltà għat-tmexxija ta' proġetti Ewropej tal-KTE jew programmi oħra;
- l-eliġibbiltà għall-ġestjoni tal-programmi, jew għax l-Awtorità Amministrattiva attwali ssibha bi tqila jew għax xi segretarjati jsibuha diffiċli jaħdmu mar-REKT li huma meqjusa bħala kompetituri;
- l-akkwist pubbliku, il-baġit u r-responsabbiltà (ara punt 3);
- in-numri tal-VAT u tas-sigurtà soċjali mhumiex rikonoxxuti mill-awtoritajiet tal-Istati l-oħra;
- in-nuqqas ta' għarfien dwar ir-REKT min-naħa tal-amministrazzjonijiet nazzjonali;




**Tabella 16.** Esperjenza fir-REKT. Diffikultajiet legali u amministrattivi li ltaqgħu magħhom




**Tabella 17.** Esperjenza fir-REKT. Natura tad-diffikultajiet legali u amministrattivi li ġew iffaċċjati

Rigward l-iżviluppi futuri, 57 % tar-REKT qed jippjanaw żviluppi futuri, l-iktar biex iżidu l-membri, fil-biċċa l-kbira jew għax il-proċeduri interni ta' xi wħud mill-imsieħba dewmuhom wisq biex setgħu jissieħbu fir-REKT qabel, jew għax l-entitajiet jappartjenu għal Stat barra l-UE, li fil-każ tal-Kroazja ser tissieħeb mal-UE. Għall-ewwel raġuni, xi kontributuri talbu li l-bidliet fis-sħubija jsegwu proċedura semplifikata.




**Tabella 18.** Esperjenza fir-REKT. Perspettiva ta' żviluppi futuri tar-REKT eżistenti.

6. **Ir-rwol tar-REKT fl-integrazzjoni Ewropea.**

➢ **Ir-REKT u l-objettiv tal-koeżjoni territorjali**

L-inklużjoni tal-koeżjoni territorjali fit-Trattat ta' Lisbona ssaħħaħ ir-rwol tar-REKT[6]. Skont il-maġġoranza tal-kontributuri, ir-REKT huwa l-istrument legali prinċipali jew strument eċċellenti tal-UE għall-koeżjoni territorjali. Ir-REKT jipprovdi qafas ċar u permanenti għall-kooperazzjoni. Kif rajna fil-kontribut għall-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali, ir-REKT jipprovdu pjattaforma għal approċċ integrat biex il-problemi jiġu indirizzati fuq skala ġeografika adatta. Huma jippermettu l-parteċipazzjoni diretta tal-atturi, li jistgħu jiġġestixxu l-programmi b'mod iktar effiċjenti, konsistenti u koerenti (inqas riżorsi, ġestjoni konġunta, responsabbiltà kondiviża). Għall-Istati Membri, ir-REKT jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fi ħdan il-qafas ta' istituzzjoni waħda bejn l-awtoritajiet ċentrali u dawk tal-livell lokali u reġjonali. Għar-reġjuni, jibbilanċjaw il-kapaċitajiet tad-diversi amministrazzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE u l-infiq tal-fondi tal-UE.

Fir-reġjuni tal-fruntiera, REKT jista' jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE, għall-integrazzjoni tal-oqsma funzjonali, u biex jiġi mitigat l-effett tal-fruntiera. Ir-REKT joħloq strutturi ta' kooperazzjoni li jintegraw firxa sħiħa ta' aġenti u jiżviluppa sinerġiji transkonfinali b'viżjoni fit-tul. Huwa jippromovi wkoll id-djalogu u jista' jtaffi l-kunflitti politiċi bejn l-Istati Membri. Ir-REKT jippromovi l-koeżjoni territorjali mhux biss fil-livell transkonfinali iżda anke fil-livell nazzjonali, għax ħafna drabi ż-żoni tal-fruntiera jkunu l-partijiet l-inqas żviluppati tal-pajjiż.

B'mod ġenerali, ir-REKT jibni fuq ir-rikkezza tal-esperjenza u l-prattika, u jħeġġeġ proposti kollaborattivi u jipproponi politiki integrati. Huwa jippromovi forom ġodda ta' azzjoni soċjali, bħall-pjani territorjali integrati, il-ħolqien ta' netwerks u l-iżvilupp ta' komunikazzjoni u skambji bejn atturi ekonomiċi u gruppi partikolari tas-soċjetà ċivili (iż-żgħażagħ, in-nisa, il-migranti).

Mil-lat settorjali, hemm referenzi speċifiċi għall-iżvilupp ekonomiku, l-impjieg, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-ambjent. Mil-lat ġeografiku, hemm referenza għaż-żoni rurali u l-bliet iż-żgħar li ngħataw is-setgħa mir-REKT, u bis-saħħa t'hekk implimentaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Xi awtoritajiet lokali u reġjonali huma iktar xettiċi u josservaw li r-REKT huwa strument legali li jaġixxi billi jiddelega l-kompiti, u għalhekk id-dibattitu għandu jiffoka fuq il-politika tal-koeżjoni.

Wieħed mill-Istati Membri kien negattiv rigward il-possibbiltà li l-koeżjoni tittejjeb permezz ta' dan l-istrument il-ġdid u qal li jista' jhedded il-kooperazzjoni nnifisha billi joħloq inċertezzi u billi jalloka r-riżorsi biss għat-tfittxija ta' soluzzjonijiet għal problemi amministrattivi diffiċli ġodda.

---

6 Artikolu 3. It-tielet paragrafu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li: "[L-Unjoni] għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri." It-Titlu XVIII il-ġdid tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jikkostitwixxi asserzjoni legali ġdida u importanti, billi "l-koeżjoni ekonomika u soċjali", issa saret "il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali", kollha mqiegħda fl-istess livell.

- **Ir-REKT u l-kostruzzjoni tal-Ewropa b'approċċ minn isfel għal fuq**

Ir-REKT ilaqqa' flimkien il-partijiet interessati lokali u reġjonali. Dawn jistgħu jiddefinixxu l-ħtiġiet u l-istrateġiji tagħhom u jimplimentaw azzjonijiet u inizjattivi komuni. Ir-REKT joħloq mezz ta' komunikazzjoni f'żewġ livelli, u l-approċċ minn isfel għal fuq huwa iktar rilevanti u l-prijoritajiet, ħtiġiet u tħassib tat-territorji jistgħu jitwasslu lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, u b'hekk jiddefinixxu l-aġenda tal-UE u jindirizzaw il-lakuni fil-politiki ċentralizzati. Huwa jista' jkun element essenzjali tal-Ewropa taċ-ċittadini. Ir-REKT huma strutturi ta' governanza f'diversi livelli b'personalità ġuridika, jikkonsolidaw is-suq intern, jgħinu jistabbilixxu żoni transkonfinali bil-liġi u jimpenjaw ruħhom li jiddjalogaw maċ-ċittadini, u għalhekk l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jirrikonoxxuhom bħala msieħba fid-djalogu. Wieħed mir-reġjuni osserva li, minn dan il-lat, il-muniċipalitajiet tar-REKT huma partikolarment importanti.

- **Ir-REKT u l-governanza f'diversi livelli**

Il-KtR diġà analizza r-rwol tar-REKT fil-White Paper tiegħu dwar il-Governanza f'Diversi Livelli[7]. Il-persuni li ħadu sehem fil-konsultazzjoni b'mod ġenerali żiedu opinjonijiet pożittivi, għax ir-REKT huwa kkunsidrat bħala "laboratorju tal-Governanza f'Diversi Livelli" għad li iktar minn nofs ir-REKT li nħolqu s'issa huma magħmula minn imsieħba omoġenji, jew minn muniċipalitajiet biss jew minn reġjuni biss.

B'mod ġenerali, ir-REKT jippromovi l-governanza f'diversi livelli għax huwa struttura komuni li tippermetti lil-livelli differenti tal-gvern jieħdu sehem b'kondizzjonijiet indaqs u li jkunu f'kuntatt mal-bżonnijiet taċ-ċittadini u t-territorju. Bosta kontributuri saħqu fuq il-bżonn tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika meta r-REKT jiddefinixxi l-istrateġiji transkonfinali, meta jippermetti l-ALR jiddefinixxu politiki pubbliċi, u meta jikkontribwixxi għall-istrutturar tal-makroreġjuni.

Xi kontributuri osservaw li l-UE nnifisha għandha tkun integrata fir-REKT, jew tal-inqas għandu jkollha mekkaniżmu ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni fejn ir-REKT ikun l-uniku interlokutur. Oħrajn iqisu li meta din ir-responsabbiltà taqa' fuq il-leġislazzjonijiet nazzjonali jistgħu jinħolqu l-ostakli għall-governanza effettiva f'diversi livelli.

- **Ir-REKT u l-makroreġjuni**

Il-kontribut potenzjali tar-REKT għall-makroreġjuni jinkludi l-iktar il-possibbiltà li l-kooperazzjoni tiġi strutturata fi ħdan il-makroreġjun, għax ir-REKT huma strutturi permanenti li jistgħu jħaddnu ħafna atturi. Ir-REKT jistgħu jgħinu biex jagħtu lill-makroreġjuni struttura iktar soda.

---

7 Adottata f'Ġunju 2009 mill-plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni Ref. CdR 25/2010. Sit tal-internet http://www.cor.europa.eu/pages/CoRAtWorkTemplate.aspx?view=folder&id=f97a08e9-5780-479e-a0b7-ea85674c6be8&sm=f97a08e9-5780-479e-a0b7-ea85674c6be8

Il-biċċa l-kbira tal-kontributuri osservaw li struttura makroreġjonali hija kbira u kumplessa wisq biex tħalli l-proġetti makroreġjonali jiġu ġestiti permezz tar-REKT. Il-missjoni tar-REKT mhijiex li tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' struttura istituzzjonali fil-makroreġjuni.

In-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-makroreġjuni kellu influwenza fuq għadd konsiderevoli ta' tweġibiet, għax hemm konfużjoni kbira dwar x'inhu makroreġjun. Barra minn hekk, xi kontributuri osservaw li l-*entużjażmu* għall-makroreġjuni m'għandux ifixkel id-dibattitu dwar ir-REKT.

- **Ir-REKT u l-Politika Ewropea tal-Viċinat**

Għalissa huwa ferm diffiċli li jiġu stabbiliti REKT ma' pajjiżi ġirien minn barra l-UE. Hemm biss żewġ REKT – 'UTTS' u 'Euroregione Senza Confini' – li qed jaħdmu rispettivament mal-Ukraina u l-Kroazja. L-ikbar benefiċċju huwa l-importanza politika ta' din is-sħubija fit-tul, u l-appoġġ li jistgħu jagħtu r-REKT fl-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE, li huwa ta' importanza partikolari fir-rigward tal-pajjiżi kandidati.

Il-kontributuri kellhom tendenza jenfasizzaw il-potenzjal ta' dan l-istrument. Fit-tweġibiet tagħhom, osservaw li r-REKT jistgħu jgħinu biex jegħlbu problemi tan-nazzjonalità u l-fruntiera, itejbu l-benesseri tat-territorji involuti u jissensibilizzaw l-opinjoni pubblika dwar l-Unjoni Ewropea. Ir-REKT jikkontribwixxu għall-koeżjoni territorjali, l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali, it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u l-użu iktar effettiv tal-fondi transkonfinali tal-ENPI. Huma jwasslu għal kooperazzjoni iktar immirata u jistgħu jgħinu wkoll biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrateġiji makroreġjonali.

Madankollu, xi reġjuni u l-maġġoranza tal-Istati Membri li esprimew opinjoni mhumiex daqshekk ottimisti u jaraw lir-REKT biss bħala strument li għandu jibqa' fil-livell tal-UE.

.../...

**Konsultazzjoni "Ir-reviżjoni tal-leġislazzjoni REKT"**

**Appendiċi 1. Lista tal-parteċipanti.**

- REKT eżistenti:

- REKT Eurométropole Lille-Kortrijk-Tournai u Lille Métropole (FR-BE)
- REKT Gemer – Borsod – Abaúj – Zemplín (HU-SK)
- REKT 'UTTS' Ung-Tisza-Túr-Sajó (HU-SK)
- REKT Amphyctiony (GR-IT-CY-FR)
- REKT Archimed (IT-ES-CY)
- REKT Duero – Douro (PT-ES)
- REKT Eurodistrict SaarMoselle (FR-DE)
- REKT Eurodistrict Strasbourg-Ortenau (FR-DE)
- REKT Eurorégion Pyrénées-Méditerranée (FR-ES)
- REKT Galicia-Norte de Portugal (ES-PT)
- REKT Hospital de la Cerdanya (ES-FR)
- REKT Ister-Granum (HU-SK)
- REKT West-Vlaanderen / Flandre – Dunkerque – Côte d'Opale (FR-BE)
- REKT 'ZASNET' (PT-ES)

- REKT li qed jiġu stabbiliti

- Békés – Arad EGTC ltd. L-Awtorità Lokali tal-Kontea ta' Békés (HU).
- Eixo Atlántico del Noroeste Peninsular. AEDEA – Agencia Europea de Desarrollo Eixo Atlantico (ES).
- EuRegio Salzburg – BerchtesgadenerLand - Traunstein – REKT (AT).
- Eurodistrict de l'Espace Catalan Transfrontalier (ES-FR).
- REKT tan-Netwerk Ewropew tal-Għarfien Urban. Il-Ministeru tal-Intern u r-Relazzjonijiet tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.
- Eurorégion Alpes-Méditerranée - GECT (FR-IT).
- Euroregion Aquitaine-Euskadi. Il-Gvern Bask (ES).
- Euro-Región Extremalentejo. Kunsill Muniċipali ta' Portalegre (PT).
- Euroregione Senza Confini – Reġjun ta' Veneto (IT).
- Mestna občina Nova Gorica (SI) - GECT občin: Comune di Gorizia (I), Mestna občina Nova Gorica (SLO) in Občina Šempeter – Vrtojba (SLO)/Territorio dei comuni: Comune di Gorizia (I), Mestna občina Nova Gorica (SLO) in Občina Šempeter-Vrtojba (SLO).
- Park Marittimu Internazzjonali ta' Bouches de Bonafacio - Parc Marin International des Bouches de Bonifacio. Uffiċċju għall-Ambjent ta' Korsika - Office de l'Environnement de la Corse (FR).
- Pirineus-Cerdanya. Komunità tal-Komuni 'Pyrénées-Cerdagne' - Communauté de Communes 'Pyrénées-Cerdagne' (FR-ES).

.../...

- Posočje-Benečija (SI). Istituzzjoni pubblika – Ċentru għall-Iżvilupp tal-Wied ta' Soča
- Tritia EGTC. Žilinský samosprávny kraj (SK).
- Ung-Tisza-Túr Korlátolt EGTC ltd. (HU-RO-SK).

➢ Strutturi transkonfinali oħra

- Cantons tal-Isvizzera: Kantone Basel-Stadt (BS) / Basellandschaft (BL) / Aargau (AG) / Jura (JU) / Solothurn (SO) - REGIO BASILIENSIS
- Kunsill Muniċipali ta' Östersund
- Agglomération franco-valdo-genevoise – ARC Syndicat mixte
- Ministerium für Wirtschaft, Mittelstand und Energie des Landes Nordrhein-Westfalen – Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija tan-Nordrhein-Westfalen
- Euregio Meuse-Rhine
- COSANTE (Coopération sanitaire transfrontalière)
- Segretarjat Permanenti Internazzjonali għall-Ewroreġjun Baltiku
- Secretaría General de Acción Exterior de la Junta de Andalucía
- Komunità tax-Xogħol Pyrénées - Communauté de Travail des Pyrénées (CTP)
- Assoċjazzjoni tar-Reġjuni tal-Fruntiera Ewropej (AEBR)
- C.A.F.I. Assoċjazzjoni tal-Konferenza tal-Alpi Franko-Taljani– Association de la Conférence des Alpes Franco-Italiennes
- Forum Euregio Ħelsinki-Tallinn

➢ Awtoritajiet lokali u reġjonali

- Gvern tal-Gżejjer Baleariċi (ES).
- Ċentru għall-Agrikoltura u x-Xjenzi Ekonomiċi Applikati tar-REKT "UTTS" (HU).
- Sassonja, Stat Liberu (DE).
- Gvern Reġjonali ta' Valencia (ES).
- Gvern Reġjonali ta' Castilla y León (ES).
- Gvern tal-Land ta' Kärnten (AT).
- Fjandri. Ministeru tal-Komunità Fjamminga, l-Aġenzija tal-Gvern Lokali (BE).
- Saarland. Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xjenza (DE).
- Uffiċċju tal-Marixxal tal-Voivodship ta' Lubusz (PL).
- Ministeru tal-Ekonomija, it-Trasport, l-Agrikoltura u l-Vitikultura tar-Rhineland-Palatinate (DE).
- Kunsill Ġenerali ta' Pas-de-Calais (FR).
- Provinċja Awtonoma ta' Trento (IT).
- Niederösterreich – Il-Land tal-Awstrija t'Isfel (AT).
- Wien – Land u Belt ta' Vjenna (AT).
- Kontea ta' Csongràd (HU).
- Liberecký kraj - Euroregion Nisa (CZ).
- Kunsill Reġjonali ta' Freiburg (DE).

.../...

- Voivodship tas-Sileżja t'Isfel (PL).
- Gvern Svizzeru – il-Canton ta' Ġinevra - Servizzi tal-Affarijiet Barranin (CH)
- Gvern tal-Istat tal-Bavarja
- Gvern ta' Katalunja (ES)
- Gvern tal-Istat ta' Kärnten (AT).
- Komunità Urbana ta' Strasburgu (FR)
- Aġenzija għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Kontea ta' Dubrovnik Neretva

**Stati Membri**

- Uffiċċju tal-Gvern tar-Repubblika ta' Slovenja għall-Gvern Awtonomu Lokali u l-Politika Reġjonali
- Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Infrastruttura tal-Lussemburgu
- Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika tal-Ungerija
- Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin tal-Konfederazzjoni Svizzera – Servizz tal-Politika dwar il-Kooperazzjoni Transkonfinali
- Ministeru tax-Xogħol u l-Ekonomija tal-Finlandja, l-Unità għall-Iżvilupp Reġjonali (FI)
- Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Polonja – Dipartiment tal-Kooperazzjoni Territorjali
- Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja tal-Ungerija
- Ministeru tal-Intern tal-Estonja
- Uffiċċju tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka
- Konfederazzjoni Svizzera – id-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin

**Assoċjazzjonijiet**

- Assoċjazzjoni tar-Reġjuni tal-Fruntiera Ewropej (AEBR)
- Rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-Litwanja fi Brussell
- Mission Opérationnelle Transfrontaličre (MOT) – Franza
- Association des Régions de France (ARF)
- Segretarjat Ġenerali tal-Assemblea tar-Reġjuni Ewropej
- Servizz tal-Ewropa Ċentrali għall-Inizjattivi Transkonfinali (CESCI)
- Assoċjazzjoni Ewropea tar-Rappreżentanti Eletti mir-Reġjuni Muntanjużi – Association européenne des élus de montagne
- Assoċjazzjoni tar-Reġjuni tal-Fruntiera Ewropej (AEBR)

**Esperti u partijiet interessati oħra**

- Uffiċċju tal-Gvern tal-Istat ta' Kärnten
- Ċentru Ewropew għall-Osservazzjoni tar-Reġjuni – Centre d'Observation Européen des Régions (C.O.E.U.R)
- Akkademija Ewropea ta' Bozen/Bolzano
- Unioncamere del Veneto – Eurosportello del Veneto

- Skola Dottorali tax-Xjenzi Ġuridiċi u Politiċi – Ċentru tal-Liġi Internazzjonali - l-Università ta' Nanterre
- Grupp Ewropew ta' Interess Ekonomiku Sealink (GEIE Sealink)
- Programm INTERACT – jippromovi u jappoġġja l-governanza tajba tal-programmi tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali
- L-Ewropej taż-Żona Metropolitana ta' Lille/Rijsel – Les Européens du Grand Lille / De Europeanen van Groot Rijsel
- Konfederazzjoni Svizzera – Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin

_____________